MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 406/2008

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E G; F G;**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**u l-kuraturi Deputati l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami,**
**sussegwentement sostitwit bl-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores,**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati biex jirrapprezentaw lill-imsemmija minuri, ilkoll sussegwentement estromessi mill-kawza b' digriet tal-5 ta' Frar 2009**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

Illi fis-6 ta' Lulju 2008 twieldet E G kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

Illi omm il-minuri, u cioe' l-konvenuta C D isseparat minn mar-ragel taghha, l-konvenut F G nhar it-2 ta' Gunju 2008.

Illi l-attur ilu f' relazzjoni mal-konvenuta C D ghal dawn l-ahhar cirka sena u nofs.

Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri hekk kif jirrizulta mill-anness DNA test report hawn anness u mAat Dok. B.

Illi minhabba li mid-data tas-separazzjoni tal-konvenuti C D u F G sat-twelid tal-minuri E G kienu ghadhom m' ghaddewx it-300 jum, il-minuri tnizzlet bhala bint il-konvenut F G.

Illi kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u kif diga' jirrizulta mir-rizultat tad-DNA tests maghmula fuq l-attur A B u fuq it-tarbija (Dok B), il-missier naturali tal-minuri msemmija huwa l-attur A B u mhux il-konvenut F G.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut F G m' huwiex il-missier naturali tal-minuri E G u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa A B.

2. Tordna lill-konvneut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E G, billi f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm imnizzel isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem 'F G' jigi sostitwit bl-isem 'A B', fejn hemm miktub fejn twieled jithallas Tal-Qroqq; fejn hemm miktub fejn joqghod il-missier flok Hamrun jitnizzel 'Zebbug, Malta', u fejn hemm imnizzel isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew

mejjet (missier il-missier tat-tarbija), flok 'Mario G (haj)' jitnizzel 'Leonard B (haj)'.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika n-numru tal-karta ta' l-identita tieghu u il-post tat-twelid sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu.

3. Illi l-esponent jinnota li fir-rapport xjentifiku pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat jidher li l-kunjom tal-minuri gie indikat erronjament.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E, li twieldet mill-konvenuta C D fis-6 ta’ Lulju 2008 u li fuq l-att tat-twelid taghha numru 2432/08, tinsab registrata bil-kunjom G, hija fil-fatt il-wild naturali u bijologiku tieghu, u mhux tal-konvenut F G;  u qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet l-istess att tat-tweldid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti C D u F G kienu sseparaw de facto fis-sena 2007, u sussegwentement il-konvenuta D dahlet f’ relazzjoni stabbli ma’ l-attur, tant li kienet marret tikkonvivi mieghu, u kienu ppjanaw li jkollhom tarbija bejniethom.  Konsegwentement fis-6 ta’ Lulju 2008 twieldet minn din ir-relazzjoni t-tifla E.

Illi kemm l-attur kif ukoll l-istess konvenuta jsostni li din it-tarbija hija l-wild naturali ta’ l-attur ;  u din it-tezi tinsab konfermata mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA maghmula fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuna ta’ dawn il-partijiet, u tat-tifla, li jikkonfermaw xjentifikament li t-tifla hija l-wild naturali ta’ l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur ; u tiddikjara li t-tifla E li, twieldet mill-konvenuta C D fis-6 ta’ Lulju 2008, mhijiex il-wild tal-konvenut F G, izda hija l-wild naturali u bijologiku ta’ l-attur A B ;  konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet tal-att tat-twelid rispettiv numru 2432/08 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-attur u mill-konvenuta C D proprio, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------